2025/1731

11.8.2025

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1731

tat-8 ta' Awwissu 2025

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-karċinoġeni, il-mutaġeni taċ-ċelloli ġerminali jew it-tossikanti għar-riproduzzjoni soġġetti għal restrizzjonijiet

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 68(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-entrati 28, 29 u 30 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq u l-użu, għall-forniment lill-pubbliku ġenerali, ta' sustanzi li huma kklassifikati bħala karċinoġeni, mutaġeni taċ-ċelloli ġerminali jew tossikanti għar-riproduzzjoni (CMR) tal-kategoriji 1A jew 1B fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), u li huma elenkati fl-Appendiċijiet 1 sa 6 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, u ta' taħlitiet li fihom sustanzi bħal dawn li huma ogħla mill-konċentrazzjonijiet speċifikati.

(2) L-Appendiċijiet 2, 4 u 6 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jenħtieġ li jiġu emendati sabiex ikunu jirriflettu l-klassifikazzjoni l-ġdida tas-sustanzi bħala CMR fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 kif emendat bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/197 ([3]). Għalhekk jixraq li s-sustanzi CMR tal-kategorija 1B li għadhom kif ġew ikklassifikati jiġu inklużi fl-Appendiċijiet 2, 4 u 6 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

(3) Il-klassifikazzjoni tas-sustanzi fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 kif emendat bir-Regolament Delegat (UE) 2024/197 se tapplika mill-1 ta' Settembru 2025. Għalhekk, ir-restrizzjoni introdotta b'dan ir-Regolament fir-rigward tas-sustanzi kklassifikati bir-Regolament Delegat (UE) 2024/197 bħala CMR tal-kategorija 1B jenħtieġ li tapplika mill-istess data. Id-data tal-applikazzjoni ma tipprevjenix lill-operaturi milli japplikaw ir-restrizzjonijiet relatati mas-sustanzi CMR tal-kategorija 1B elenkati fl-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2024/197 iktar kmieni.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1132 ([4]) inkluda l-kumen fl-Appendiċi 2 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 mill-1 ta' Diċembru 2023. Il-kumen jinsab f'ċerti fjuwils tal-avjazzjoni għal ajruplani żgħar, inkluż dawk li jittajru minn bdoti mhux professjonali. Dawn il-bdoti mhux professjonali huma membri tal-pubbliku ġenerali kif imsemmi fl-entrati 28, 29 u 30 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Għaldaqstant, il-kumen ma jistax jitqiegħed fis-suq jew jintuża fi fjuwils tal-avjazzjoni għall-forniment lil bdoti mhux professjonali f'konċentrazzjoni ta' 0,1 % w/w jew aktar mill-1 ta' Diċembru 2023.

([1]) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1272/oj).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/197 tad-19 ta' Ottubru 2023 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 fir-rigward tal-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati ta' ċerti sustanzi (ĠU L, 2024/197, 5.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/197/oj).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1132 tat-8 ta' Ġunju 2023 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' sustanzi karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni soġġetti għal restrizzjonijiet (ĠU L 149, 9.6.2023, p. 49, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1132/oj).

(5) L-entrati 28, 29 u 30 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ma japplikawx, *inter alia*, għal diversi fjuwils u prodotti taż-żejt, inkluż fjuwils tal-magni koperti mid-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]). Tali fjuwils tal-magni jinkludu fjuwils tal-petrol u tad-diżil għall-vetturi tat-triq mgħammra b'magni ta' tqabbid bl-ispark u ta' tqabbid bil-kompressjoni. Għalhekk, ir-restrizzjoni fuq il-kumen ma tapplikax għat-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' fjuwils tal-magni għall-forniment lil sewwieqa mhux professjonali tal-karozzi.

(6) Fid-dawl tas-similaritajiet bejn l-użu tal-fjuwils tal-magni minn sewwieqa mhux professjonali tal-karozzi u l-użu tal-fjuwils tal-avjazzjoni minn bdoti mhux professjonali tal-ajruplani ż-żgħar, u l-fatt li hemm ħafna inqas bdoti mhux professjonali tal-ajruplani ż-żgħar li jużaw fjuwils tal-avjazzjoni minn sewwieqa mhux professjonali tal-karozzi li jużaw fjuwils tal-magni u l-fatt li d-Direttiva 98/70/KE nnifisha ma tirrestrinġix il-kumen f'tali fjuwils tal-magni, il-kumen preżenti fil-fjuwil tal-avjazzjoni jenħtieġ li jiġi eżentat mir-restrizzjoni tal-entrati 28, 29 u 30 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Għalhekk, l-Appendiċi 11 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jenħtieġ li jiġi emendat biex ikun jirrifletti dik id-deroga.

(7) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 133(1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 huma emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punti (1), (2) u (3) tal-Anness għandhom japplikaw mill-1 ta' Settembru 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Awwissu 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([5]) Id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE (ĠU L 350, 28.12.1998, p. 58, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1998/70/oj).

ANNESS

L-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Appendiċi 2, l-entrati li ġejjin jiddaħħlu fit-tabella skont l-ordni tan-numri tal-indiċi stabbiliti hemmhekk:

Sustanzi	Nru tal-Indiċi	Nru KE	Nru CAS	Noti
"djuron (ISO); 3-(3,4-diklorofenil)-1,1-dimetilurea	006-015-00-9	206-354-4	330-54-1"	
"2,2',6,6'-tetrabromo-4,4'-isopropilidenedifenol; tetrabromobisfenol-A	604-074-00-0	201-236-9	79-94-7"	
"*N*,*N*-dimetil-*p*-toluwidina	612-296-00-4	202-805-4	99-97-8"	
"4-nitrosomorfolina	613-346-00-8	-	59-89-2"	
"4-metilimidażol	613-349-00-4	212-497-3	822-36-6"	

(2) fl-Appendiċi 4, l-entrati li ġejjin jiddaħħlu fit-tabella skont l-ordni tan-numri tal-indiċi stabbiliti hemmhekk:

Sustanzi	Nru tal-Indiċi	Nru KE	Nru CAS	Noti
"propilfosfonat tad-dimetil	015-208-00-7	242-555-3	18755-43-6"	

(3) fl-Appendiċi 6, l-entrati li ġejjin jiddaħħlu fit-tabella skont l-ordni tan-numri tal-indiċi stabbiliti hemmhekk:

Sustanzi	Nru tal-Indiċi	Nru KE	Nru CAS	Noti
"ossidu tad-difenil(2,4,6-trimetilbenżojl) fosfina	015-203-00-X	278-355-8	75980-60-8"	
"benżil(dietilammino)difenilfosfonju 4-[1,1,1,3,3,3-eżafluworo-2-(4-idrossifenil) propan-2-il]fenolat	015-204-00-5	479-100-5	577705-90-9"	
"benżiltrifenilfosfonju, melħ b'4,4'-[2,2,2-trifluworo-1-(trifluworometil) etiliden]bis[fenol] (1:1)	015-205-00-0	278-305-5	75768-65-9"	
"massa tar-reazzjoni ta' 4,4'-[2,2,2-trifluworo-1-(trifluworometil) etiliden]difenol u 4-[1,1,1,3,3,3-eżafluworo-2-(4-idrossifenil)propan-2-il]fenolat tal-benżil(dietilammino)difenilfosfonju (1:1)	015-206-00-6	-	-"	
"massa tar-reazzjoni ta' 4,4'-[2,2,2-trifluworo-1-(trifluworometil) etiliden]difenol u benżiltrifenilfosfonju, melħ b'4,4'-[2,2,2-trifluworo-1-(trifluworometil) etiliden]difenol (1:1)	015-207-00-1	-	-"	

Sustanzi	Nru tal-Indiċi	Nru KE	Nru CAS	Noti
“propilfosfonat tad-dimetil	015-208-00-7	242-555-3	18755-43-6”	
“maletat tad-dibutiltin	050-034-00-5	201-077-5	78-04-6”	
“ossidu tad-dibutiltin	050-035-00-0	212-449-1	818-08-6”	
“massa tar-reazzjoni ta’ 1-(2,3-epossipropossi)-2,2-bis ((2,3-epossipropossi)metil) butan u 1-(2,3-epossipropossi)-2-((2,3-epossipropossi)metil)-2-idrossimetil butan	603-244-00-1	-	-”	
“4,4’-[2,2,2-trifluworo-1-(trifluworometil) etiliden]difenol; bisfenol AF	604-099-00-7	216-036-7	1478-61-1”	
“1,4-Benżendiammina, *N,N’*-derivattivi tal-fenil u tat-tolil imħallta.;	612-298-00-5	273-227-8	68953-84-4”	
“4-metilimidażol	613-349-00-4	212-497-3	822-36-6”	

(4) fl-Appendiċi 11, tiżdied l-entrata li ġejja:

Sustanzi	Derogi
“2. Kumen Nru CAS 98-82-8 Nru KE 202-704-5	Bħala sustanza waħidha jew bħala kostitwent ta’ sustanzi oħra f’waħda minn dawn li ġejjin: (a) kerosin użat bħala fjuwil tal-avjazzjoni konformi ma’ DEF STAN 91-091, speċifikazzjoni tal-ASTM D1655 jew standards ekwivalenti rikonoxxuti, u kkummerċjalizzat b’deskrizzjonijiet bħal Jet-A, Jet-A1 jew JP-(*x*); (b) gażolina użata bħala fjuwil tal-avjazzjoni konformi ma’ DEF STAN 91-090, ASTM D910, ASTM D7547 jew standards ekwivalenti rikonoxxuti.”